MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 17/2005

Joseph u Pauline konjuġi Vella .

Vs

Marion Ellis armla ta' Derik Oliver Ellis .

Il-Qorti ;

Rat l-avviż illi permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuta tgħid għaliex ma għandhiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti tiżgombra definittivament u tirrilaxxja a favur tagħhom, porzjon art fi Triq il-Mitħna, Victoria, Għawdex, magħrufa bħala "Taċ-Ċawla" sive "Ta' Marżiena" li tmiss mill-punent ma' beni tal-konvenuta u bil-kejl ta' elfejn erba' mija u sitta u għoxrin metru kwadru (2426 m.k.) inkluża dik il-parti li nbena garaxx fuqha, liema art kienet akkwistata mill-mittenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fit-tmienja (8) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002) u li hija miżmuma minnek mingħajr titolu validu fil-Liġi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja mibgħuta lilek fl-20 ta' Awissu, 2003, 6 ta' awissu 2004, u tal-ittra uffiċjali spedita f'Mejju, 2004 .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni debitament inġunta .

Rat in-nota tal-konvenuta tat-18 ta' Awissu, 2005, li permezz tagħha ddikjarat illi mhix topponi għat-talba ta' l-atturi .

Il-Qorti, għal hekk in vista ta' din in-nota tal-konvenuta, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta sabiex żmien xahar mil-lum tiżgombra definittivament u tirrilaxxja a favur ta' l-attur, porzjon art fi Triq il-Mitħna, Victoria, Għawdex, magħrufa bħala "taċ-Ċawla" jew "Ta' Marżiena" li tmiss mill-punent ma' beni tal-konvenuta bil-kejl ta' elfejn erba' mija u sitta u għoxrin metru kwadru (2426 m.k,) inkluża dik l-art li nbena garaxx fuqha, liema art kienet akkwistata mill-attur, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mikiel Refalo fit-tmienja (8) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002) u li kienet miżmuma mill-konvenuta mingħajr titlu validu skond il-Liġi .

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------